MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 716/1992/1

**Edward Zahra, f'ismhu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Rabat Marbles**

**vs**

**Louis Gauci ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Big Ben Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur proprju et nomine fit-22 ta' Mejju, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta konvenuta tinsab debitrici tal-attur fis-somma ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u sittin liri Maltin (LM 3,668), ammont dovut rapprezentanti bilanc tal-prezz miftiehem bejn il-kontendenti ghall-fornitura u tqeghid ta' granit fuq il-faccata u irham fuq zewg sulari tarag, mill-

attur fi proprjeta' u fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta;

U illi nonostante interpellat sabiex ihallas dan id-debitu dovut minnu, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Talab lill-konvenut nomine jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

(1) Tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u sittin liri Maltin (LM3,668), ammont dovut rapprezentanti bilanc tal-prezz miftiehem bejn il-kontendenti ghall-fornitura u tqeghid ta' granit u irham mill-attur fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut nomine;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 1991, u bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mid-data illi fiha gie kkonsenjat ix-xoghol sal-pagament effettiv kontra l-konvenut nomine illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Louis Gauci nomine li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi t-talba tal-attur proprio et nomine hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, kif ukoll ghaliex intuza materjal skadenti u nferjuri u mhux skond il-ftehim bejn il-partijiet u ghaldaqstant ma giex accettat mill-eccipjenti nomine;

Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat il-kontro-talba imsressqa mill-konvenut nomine kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu li in forza taghha, wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lill-attur proprio et nomine sabiex dan jaghmel xi xogholijiet ta' rham fil-hanut maghruf bhala Big Bon f'Naxxar Road, B'Kara;

Illi l-istess xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u barra minn hekk l-attur proprio et nomine uza materjal skadenti jew inferjuri u mhux skond il-ftehim bejn il-partijiet;

Illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 1991 interpellat lill-attur proprio et nomine sabiex dan immedjatament jirrimedja d-difetti kollha fix-xoghol fuq imsemmi u jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu hekk kagunati;

Illi l-attur proprio et nomine naqas li jaghmel dan, u b'hekk diga' kkawza danni lis-socjeta' konvenuta, kif ukoll ser jikkawza aktar danni fil-futur lill-istess socjeta' konvenuta, ghaliex biex isiru dawn ix-xogholijiet irid bilfors jinghalaq il-hanut fuq imsemmi b'konsegwenti nuqqas ta' bejgh;

Illi tali agir tal-imsemmi Edward Zahra proprio et nominee diga' kkawza u sejjer jikkawza danni lis-socjeta' konvenuta, liema danni ghadhom ma jistghux jigu konstati sallum;

Talab lill-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara lill-istess Edward Zahra proprio et nomine responsabbli tad-danni kollha sofferti mis-socjeta' konvenuta u dawk id-danni li ghad tista ssofri l-istess socjeta' konvenuta fil-futur, u dan ghar-ragunijiet fuq premessi;
2. tillikwida d-danni kawzati mill-istess Edward Zahra proprio et nomine anke permezz ta' Periti nominandi;
3. tikkundanna lill-istess Edward Zahra proprio et nomine ihallas id-danni hekk likwidati favur is-socjeta' konvenuta;
4. tipprefiggi lill-istess Edward Zahra proprio et nomine terminu qasir u perentorju sabiex dan jaghmel ix-xogholijiet mehtiega fil-hanut fuq imsemmi, u fin-nuqqas tawtorizza lis-socjeta' konvenuta taghmel dawn ix-xogholijiet ghand haddiehor a karigu tal-istess Zahra;

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra Edward Zahra proprio et nomine li hu ngunt minn issa personalment ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur proprio et nomine rikonvenzjonat li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici dedotti mill-konvenut nomine fil-kontro-talba odjerna huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement, jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine, stante illi l-irham gie fornit u x-xoghlijiet saru ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet u skond is-sengha u l-arti;
2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digiet taghha tal-4 ta' Marzu 1993 li permezz tieghu hatret lil Dr Marco Grixti bhala Perit Legali biex jirrelata fuq it-talbiet tal-partijiet wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-partijiet;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Ottubru 1996 illi permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba tal-Perit Legali li jigi sostitwit u issostitwietu b'Dr Yana Micallef Stafrace bl-istess inkarigu.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu ghal kull buon fini ikkonfermat in-nomina ta' William Sare bhala perit tekniku biex jassisti lil Perit Legali u dana bil-fakultajiet kollha soliti.

Rat ir-rapport ipprezentat u mahluf mill-Perit Legali Dr Yana Micallef Stafrace waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2006.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut nomine tas-17 ta' Ottubru 2006.

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-attur proprio et nomine ipprezentata minnu fit-13 ta' Novembru 2006.

Rat id-digrieti l-ohra ta' din il-Qorti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi ghall-habta ta' nofs is-sena 1999 l-attur kien gie avvicinat minn Louis Gauci li talbu jaghtih stima ta' forniment u twahhil ta' irham u granit fil-hanut tal-kumpannija Big Ben Limited u precizament fil-hanut maghruf bl-isem Big Bon li jinsab Naxxar Road B'Kara. Ix-xoghol kien jikkonsisti fi tqeghid ta' irham tat-tip Bianco Carrara fuq zewg sulari tarag, inkluz il-landing ta' l-istess tarag u tqeghid ta' granit tat-tip ta' Nero Africa fuq il-faccata tal-hanut. Il-partijiet iffirmaw ftehim datat 25 ta' Lulju 1989. Is-Sur Gauci kien zied max-xoghol originali u l-prezz kien zdied ukoll u fil-ftehim tnizzel x'kien il-prezz finali u il-mod kif kellu jinqasam. Il-prezz finali effettivament kien ta' elfejn u wiehed u erbghin lira (LM2,041) ghax-xoghol tal-granit u tlett elef tmien mija tnejn u tletin lira (LM3,832) ghax-xoghol ta' l-irham. L-attur xehed illi ma l-iffirmar tal-ftehim irceva depozitu ta' elf u hames mitt lira (LM 1,500) u wara li ta skont lill-konvenut fuq il-bilanc il-partijiet ftehmu illi l-attur kellu jithallas is-somma finali ta' tlett telef sitt mija tmienja u sittin lira (LM 3,668) malli ilesti x-xoghol kollu. Edward Zahra xehed illi meta mar jara l-hanut qabel ma beda x-xoghol kien innota li l-parti tat-tarag li taghti ghal basement level tal-hanut kien umduz u qal b'dan lis-Sur Gauci. Kien ghamilhielu cara li mhuwiex ser ikun responsabbli jekk jigri xi haga fl-irham minhabba l-umdita. L-attur xehed illi x-xoghol qeghduh certu Paul Farrugia u Joseph Bugeja, pero' hu kien jattendi regolament biex isegwi l-andament tax-xoghol. Meta tlesta x-xoghol hu ma ra l-ebda tbajja la f'irham u lanqas fil-granit u kien avvicina lill-konvenut biex jithallas. Izda is-Sur Gauci qallu biex jistenna ftit ghax ma setghax ihallsu mal-ewwel. L-attur dejjem baqa ikellem lill-konvenut minn zmien ghal zmien ghal flus, izda il-

konvenut kien dejjem jghidlu biex jistenna ftit. Wara xi erba' jew hames xhur l-attur jiftakar illi Louis Gauci kien ilmenta mieghu illi l-irham kien beda jittebba. L-attur kien mar jara x-xoghol u ra xi ftit tbajja fuq it-tarag u meta talab lill-konvenut ihallsu il-konvenut kien wiegbu li ma setghax ihallsu ghall-mument, pero' dak il-hin ma wahhalx fit-tbajja. Meta wara xi zmien l-attur insista ghall-flus il-konvenut, dejjem skond ma xehed l-attur, kien qallu illi ma kienx ser ihallsu u lanqas tal-granit u dana peress illi kien ha parir f'dan is-sens minghand avukat. L-attur kompla jixhed illi huwa kien ilu jimporta l-irham u l-granit ta' dan it-tip sa minn mindu kien beda b'dan in-negozju u l-agent tieghu dejjem kien Philip Tabone. Huwa qal ukoll illi l-agent jixtri l-irham minghand id-ditta estera Marex Marine Export s.r.l. li tinsab Carrara l-Italja. L-attur kompla jghid illi qatt ma kellu problemi ta' din in-natura la qabel u lanqas wara din il-kwistjoni mal-konvenut. Huwa xehed ukoll illi l-irham illi kien wahhal fil-hanut tal-Big Ben Limited kien jifforma parti minn konsenja akbar ta' tlett mija u hamsin metru kwadru tal-istess tip ta' irham u b'din il-konsenja kien hadem ukoll ghand diversi nies, fosthom ghand certu Felix Sammut, Samuel Attard, Edward Baker, Antoine Gatt, Salfraz Ali, Gilbert Vassallo u Sandro Borg. L-attur kompla jixhed illi meta sar jaf bid-difett allegat mis-Sur Gauci iccekkja ma whud minn dawn il-klijenti li qalulu illi ma kellhomx dawn il-problemi u illi ma kien hareg l-ebda tebgha mill-irham li hu kien fornielhom. Madanakollu l-attur ma kienx sodisfatt u tkellem ma l-agent Philip Tabone u dan qallu li qatt ma kellu dan it-tip ta' problemi mal-klijenti u ghalhekk l-attur talbu sabiex iqabbdu dirett mad-ditta estera li tissuplixxi dan l-irham u ftiehem maghhom li jibghatilhom kampjun ta' l-irham li kien imwahhal fil-hanut tal-konvenut. L-attur xehed illi kien kellem lil Louis Gauci li deher sodisfatt b'din il-proposta u qalghu irhama ghal dan l-iskop. L-attur kompla jixhed li meta ezamina din l-irhama innota li t-tebgha kienet ta' natura superficjali u tidher biss fuq dik il-parti esposta. Ra illi mhux l-irhama kienet imtebba minnha innifisha, izda donnu kienet giet applikata xi sustanza fuq l-irham li ikkawzat din it-tebgha. L-attur xehed illi baghat il-kampjun lid-ditta estera u dawn bl-ittra datata 30 ta' Mejju, 1991 ikkonfermaw is-suspett li kellu

peress illi qalulu li minn studju illi sar fuq il-kampjun irrizulta li l-irham kien irreagixxa ghal xi sustanza li kienet giet applikata fuq l-irham. L-attur kompla jixhed illi ir-rapprezentanti ta' din id-ditta gew Malta u fil-prezenza ta' Philip Tabone u tar-rapprezentanti tal-Big Ben Limited spezzjonaw l-irham fil-hanut u ikkonfermaw li kienu certi li l-irham kien gie mtebba' minn xi haga. L-attur qal illi meta ra hekk rega' tkellem ma Louis Gauci, izda dan ma riedx ihallsu. L-attur talbu biex almenu ihallsu tal-granit, izda il-konvenut wiegbu illi fuq parir ta' l-Avukat tieghu ma kienx ser ihallsu xejn. F'dawn ic-cirkostanzi l-attur ma kellux triq ohra hlief li jiftah din il-kawza.

Illi flimkien ma l-affidavit tieghu l-attur esebixxa il-ftehim iffirmat minnu u minn Louis Gauci ghal Big Ben Limited fil-25 ta' Lulju, 1989 u esebixxa ukoll ittra mibghuta lilu mis-socjeta' Marex s.r.l. li tinsab Carrara l-Italja u liema ittra hija datata 30 ta' Mejju 1991.

Illi l-Qorti fliet u ezaminat sew ir-relazzjoni ipprezentata u mahlufa minn Dottor Yana Micallef Stafrace.

Illi waqt is-seduta Numru 12 mizmuma mill-Perit Legali fil-11 ta' Dicembru 2003 f'nofsinhar fil-Qrati Superjuri, ghal liema seduta kienu prezenti l-attur, Dr Norval Desira u Dr Tony Vella, id-difensuri tal-partijiet, in vista tal-fatt illi l-Perit Legali iddikjarat illi William Sare kien marid sew u ma setghax jattendi l-Qorti jew jilqa n-nies id-dar konguntwalment irrinunzjaw ghan-nomina ta' l-espert Tekniku f'dan il-kaz, salv illi issir l-ahhar seduta ghall-konkluzzjonijiet tal-provi tas-socjeta' konvenuta u awtorizzaw dak il-hin stess lill-espert legali sabiex tghaddi ghar-rapport fuq il-provi migbura. Dan kollu jirrizulta a fol. 113 u 114 tal-process.

Illi l-konkluzzjonijiet illi ghalihom waslet il-Perit Legali huma s-segwenti :

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2003 il-partijiet irrinunzjaw ghan-nomina ta' Perit Tekniku.

L-esponent ezaminat id-Dokument EZ kampjun ta’ irham li Edward Zahra jghid li qala mill-fond de quo u li giet esebita minnu u attwalment jirrizulta li fuq naha hemm tbajja kannella u dawn jidhru biss fuq naha wahda.

L-istess Edward Zahra esebixxa Dokument B, ittra mill-Miramax Marmi Export s.r.l. fejn jinghad li d-difett kien rizultat ta’ “un assorbimento di qualche prodotto improprio per la pulizia o sono stati mescolati prodotti che hanno fatto reazione”.

Rigwardanti l-istat tal-irham in kwistjoni, il-konvenut ma gabx provi oltre li ilmenta li hargu t-tbajja.

F’dawn ic-cirkostanzi, u fin-nuqqas ta’ espert tekniku l-esponenti hi tal-opinjoni li ma ingabghux il-livell ta’ provi mehtiega sabiex hi tkun tista tasal ghall-konkluzzjoni li t-tbajja kienu fl-irham minhabba li l-istess irham kien ta’ kwalita skadenti jew minhabba li kien tqieghed hazin.

L-attur talab l-ammont ta’ LM 3,668 (tlett elef sitt mija tmienja u sittin lira) bhala bilanc ta’ prezz dovut lilu. Rigwardanti dan esebixxa Dokument EZ 1 u Dokument ND1-6.

Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu ma ikkontestax l-ammont izda l-kwalita tal-irham u li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u b’hekk l-ammont ta’ LM 3,668 (tlett elef sitt mija tmienja u sittin lira)  jidher korrettament dovut.

Fil-kontro-talba taghha s-socjeta’ attrici talbet danni li sofriet konsegwenza tal-kwalita skadenti tal-irham u xoghol li sar mhux skond il-arti u s-sengha.  Ma irrizultax li x-xoghol kien mhux skond l-arti u s-sengha u li l-materjal kien skadenti.  Lanqas ma gew ippruvati xi danni li setghet sofriet is-socjeta’ konvenuta.

Ghaldaqstant l-esponenti hi tal-opinjoni li t-talbiet attrici li ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ammont ta’ LM3,668 (tlett elef sitt mija tmienja u sittin lira) ghandha tigi milqugha u konsegwentement l-eccezzjonijiet

tas-socjeta’ konvenuta ghandhom jigu respinti. Isegwi li t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba ghandhom jigu respinti filwaqt li l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici milqugha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur proprio et nomine fetah din il-kawza sabiex jithallas tax-xoghol ta’ tqeghid ta’ irham u ta’ granit, kif ukoll tal-materjal, jigifieri l-irham u l-granit fornuti minnu lill-konvenut nomine. Il-konvenut nomine qieghed jirrifjuta illi jhallas peress illi allega illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u allega ukoll illi l-materjal uzat kien wiehed difettuz, jew skadenti.

Illi l-konvenut nomine ipprezenta kontro-talba fejn talab illi l-Qorti tiddikjara illi l-attur proprio et nomine huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta’ konvenuta u dawk id-danni li ghad tista issofri l-istess socjeta’ fil-futur. Talab lill-Qorti tillikwida d-danni kawzati mill-attur proprio et nomine anke permezz ta’ periti nominandi u konsegwentement tikkundanna lill-istess attur proprio et nomine ihallas dawn id-danni hekk likwidati. Talab ukoll li l-Qorti tipprefiggi lill-istess attur proprio et nomine terminu qasir u perentorju biex jaghmel ix-xogholijiet mehtiega u fin-nuqqas tawtorizza lis-socjeta’ konvenuta taghmel dawn ix-xogholijiet ghand haddiehor a karigu ta’ l-istess attur. L-attur proprio et nomine eccepixxa illi dawn it-talbiet attrici fil-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez, stante li l-irham gie fornut u x-xogholijiet saru ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet u skond is-sengha u l-arti.

Ikkunsidrat :

Illi l-ftehim ta’ bejn il-partijiet gie esebit u jinsab a fol. 40 tal-process.

Permezz ta’ dan il-ftehim il-partijiet ftehmu illi l-attur proprio et nomine kellu jissuplixxi u iqieghed irham Bianco Carrara fit-tarag u granite Nero Africa fil-faccata tal-hanut Naxxar Road B’Kara u dan ghas-somma ta’ erba telef u

mitejn lira (LM4,200). Inghata depozitu ta’ elf u hames mitt lira (LM 1,500) u kien fadal bilanc ta’ elfejn u sebgha mitt lira (LM 2,700). Sussegwentement gie ordnat aktar xoghol tal-granit fil-hanut imsemmi sabiex b’hekk is-somma totali telghet ghal hames telef tmien mija tlieta u sebghin lira (LM5,873). Inghata skont ta’ erba’ mija sebgha u tmenin lira (LM 487) u kien ghad jonqos il-bilanc ta’ hamest elef tlett mija sitta u tmenin lira (LM 5,386). Thallas depozitu ta’ elf u hames mitt lira (LM 1,500), inghata skont iehor ta’ mitejn u tmintax il-lira (LM 218) sabiex b’hekk l-attur proprio et nomine kien fadallu jiehu l-bilanc ta’ tlett elef sitt mija tmienja u sittin lira (LM3,668).

Illi kemm fuq dan il-fatt kif ukoll fuq il-fatt illi l-bilanc imsemmi ghadu sal-gurnata tal-lum ma thallasx, ma hemmx kontestazzjoni, kif ukoll ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi x-xoghol ta’ tqeghid ta’ granit u tal-irham sar fil-hin stipulat mill-attur proprio et nomine fil-hanut tas-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi hu principju pacifiku kemm fid-duttrina legali kif ukoll fil-gurisprudenza illi l-imprenditur ghandu l-obbligu li jesegwixxi sew ix-xoghol moghti lilu skond is-sengha u l-arti u ghal din il-fini almenu irid ikollu kapacita ordinarja (ara volum XXVII P I pagna 373). In effetti l-imprenditur ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi implicita, tant li huwa tenut anke ghall-kolpa ljievi (Volum XL P 1 pagna 485).

Kif qalet tajjeb il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet Christine Saliba et kontra Emanuel Briffa deciza fis-16 ta’ Gunju 2003:
“In bazi ghal dawn il-principji ssokta jigi precizat illi min jintraprendi li jaghmel bicca xoghol iwiegeb ghad-difetti minhabba xoghol hazin jew ghal xoghol ezegwit b’materjal hazin. Ghalhekk il-kommittent li jidhrilu li x-xoghol sar hazin ghandu dritt jitlob li jigi verifikat, permezz ta’ perizja teknika, jekk il-hsara li timmanifesta ruhha hijiex dovuta ghal difetti ta’ l-arti tat-tqeghid jew tal-materjali” (Vol. XLI P I p 667).

Permezz ta' dik is-sentenza kompla jinghad hekk :

"Materja bhal dik in ezami hi wahda essenzjalment ta' fatt u ta' accertament tekniku."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ghall-hlas ta' materjal u ta' xoghol. Illi l-eccezzjonijiet ghal din it-talba huma principalment tnejn u cioe' illi l-materjal fornut kien tat-tip inferjuri jew skadenti u illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Illi principju iehor ben stabbilit fil-ligi u fil-gurisprudenza nostrana hija illi min jallega xi haga irid jippruvaha. Effettivament l-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12 jghid kif gej :

"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah".

Illi l-attur esebixxa l-ftehim illi iffirma mal-konvenut nomine fejn ipprova li ghandu jiehu l-bilanc ta' LM 3,668 (tlett elef sitt mija tmienja u sittin lira) minghand il-konvenut nomine u apparti milli esebixxa l-ftehim irrizulta ukoll mill-provi prodotti illi l-konvenut nomine naqas milli jhallas dan il-bilanc lill-attur minkejja l-fatt illi l-attur issuplih bil-granit u l-irham u qeghdhomlu fil-hanut tieghu f'Naxxar Road B'Kara. Izda l-konvenut nomine, da parti tieghu, naqas milli jipprova sodisfacentement kemm illi l-materjal uzat mill-attur proprio et nomine kien materjal skadenti u inferjuri u mhux skond il-ftehim, kif ukoll naqas milli jipprova illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Ikkunsidrat :

Illi l-ahjar prova li setgha iressaq il-konvenut f'dan is-sens kienet dik illi issemmiet aktar 'l fuq f'dan il-gudikat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza imsemmija fl-ismijiet "Christine Saliba et vs Emanuel Briffa" u cioe' illi huwa

kellu jitlob il-verifika ta’ dan kollu permezz ta’ perizja teknika, kif kellu kull dritt illi jaghmel.

Illi bir-rispett kollu l-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut nomine debitament assistit irrinunzja ghan-nomina ta’ espert tekniku f’dan il-kaz u awtorizza lill-espert legali sabiex tghaddi ghar-rapport fuq il-provi migbura.

Illi l-konvenut nomine mhux talli ma talabx ghal din il-perizja teknika izda irrinunzja, kif diga intqal, ghan-nomina ta’ espert tekniku.  Illi ta’ min jghid ukoll illi l-konvenut nomine lanqas biss almenu ma tella x-xhieda li indika fin-nota tax-xhieda li huwa ipprezenta flimkien man-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu u senjatament il-Perit David Psaila u l-Perit Anthony Sammut, illi skond hu kellhom jixhdu dwar il-fatti kollha tal-kaz u partikolarment dwar ix-xoghol hazin illi allegatament sar mill-attur proprio et nomine.

Illi fil-kontro-talba tieghu, il-konvenut nomine ukoll rega’ semma lil Perit David Psaila u lil Perit Anthony Sammut sabiex partikolarment jixhdu dwar “in-nuqqasijiet tal-attur Zahra fix-xogholijiet li  esegwixxa fil-hanut in kwistjoni, kif ukoll id-danni sofferti minnu minhabba tali nuqqasijiet.”

Illi bir-rispett kollu dawn kienu jkunu periti ex parte, izda almenu il-konvenut nomine kien ikun ressaq xi tip ta’ prova.  Izda il-fatti huma dawk li huma u l-provi huma dawk illi ghandna.

Illi l-attur proprio et nomine da parti tieghu esebixxa ittra mibghuta mis-socjeta’ Marex Marine Export s.r.l. ta’ Carrara l-Italja li ikkonfermaw illi ircevew kampjun ta’ irham mibghut lilhom mill-attur.  Huma iddikjaraw u iccertifikaw illi wara li ezaminaw dan il-kampjun, illi skond huma gie ezaminat min nies esperti u anke minn Perit tal-Camera di Commercio gie stabbilit illi l-irhama kienet imtebba minhabba li assorbiet xi prodott tat-tindif li ma kienx addattat ghall-irham, jew inkella ghaliex kienu gew imhallta xi prodotti li ghamlu reazzjoni ma l-irham.

Illi skond dan l-istess dokument gie ritenut illi dan kollu huwa evidenti peress illi l-irham huwa imtebba biss fil-

faccata u fil-parti ta' taht baqa' l-istess u ma ghandu l-ebda tbajja. Is-socjeta' estera kompliet tiddikjara permezz ta' l-ittra taghha illi ikkuntattat klijenti ohrajn taghha li lilhom gie fornut l-istess materjal, izda irrizutla li hadd minnhom ma kellu l-istess problema.

Illi effettivament jirrizulta mill-provi kollha prodotti u dan ikkonfermah ukoll l-istess konvenut nomine illi l-maduma veru inqalghet mill-hanut tal-Big Ben f'Naxxar Road B'Kara u din il-maduma ma kienitx imtebba minn taht, izda biss mill-wicc taghha. L-unika prova li ressaq il-konvenut sabiex jirribatti dan id-dokument esebit mill-attur kien billi xehed il-konvenut fis-sens illi l-madum dejjem inhasel bl-ilma biss.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi ma kienx il-konvenut nomine illi kien joqghod jiehu hsieb il-hasil tat-turgien u l-landings ta' l-irham, izda nies minnu imqabbda u kien ikun ferm ahjar li kieku l-konvenut nomine ressaq lil dawn il-persuni sabiex jixhdu. Mhuwiex verosimili illi l-konvenut kien ikun dejjem prezenti waqt il-hasil tat-turgien u l-landings ta' l-irham.

Illi l-attur, sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet u l-eccezzjonijiet tal-konvenut, mhux talli ipproduca l-ittra tad-ditta estera, izda tella jixhed ukoll lill-haddiema li huwa qabbad sabiex iqeghdu dan l-irham li xehdu fis-sens illi meta qeghdu l-irham huma ma raw l-ebda tbajja fuqu u l-attur tella jixhed ukoll lil Philip Tabone illi xehed illi kien hu illi kien introduca lill-attur mad-ditta Marex s.r.l. ta' l-Italja u bieghlu l-irham tat-tip Bianco Carrara. Effettivament Philip Tabone xehed illi ilu agent ta' din id-ditta ghal diversi snin u inxtraw diversi konsenji ta' irham Bianco Carrara mhux biss mid-ditta attrici, izda minn ditti u persuni ohrajn u xehed illi qatt ma iltaqa ma problemi simili ghall-kaz odjern. Is-Sur Tabone xehed illi l-attur kien qallu bil-problemi illi kellu mal-konvenut u hu talbu kampjun biex jibghatu barra kif fil-fatt ghamel. Gew rapprezentanti tad-ditta estera Malta, tkellmu mal-attur, jidhirlu wkoll illi marru jaraw l-irham imwahhal fuq il-post u d-ditta estera baqghet ta' l-istess opinjoni mistqarra fl-ittra li giet esebita. Is-Sur Tabone xehed illi meta l-irham ma jkunx "polished" huwa facli illi likwidu jigi assorbit u jippenetra sal-parti ta' wara

ta' l-irhama bhal per ezempju bl-umdita. Izda effettivament fil-kaz odjern ma garax hekk ghaliex fil-parti ta' wara ta' l-irhama ma kien hemm l-ebda tbajja. Is-Sur Tabone kompla jixhed illi meta l-irhama tkun giet polished il-likwidu idum biex jigi assorbit mill-irhama ghaliex bil-polish tkun ghalaqt il-pori tal-irhama, pero' dejjem jista jibqa imtebba fuq il-wicc jekk ma timshux malajr. Huwa xehed illi t-test li sar mill-attur huwa l-iktar test gust billi gie maghmul fuq l-istess irhama ta' l-istess natura.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut nomine in kontro-ezami xehed illi dwar il-granit ma hemm l-ebda ilment u illi matul dawn is-snin kollha il-hanut tieghu dejjem baqa miftuh u jopera regolarment. Illi meta ftiehem ma l-attur ftehmu fuq it-tip Bianco Carrara u l-attur kien urih bicca. Huwa xehed ukoll illi meta l-irhama giet mibdula skond l-attur din kienet ser terga tittebba izda fil-fatt ma ittebbatx. Huwa ma ftakarx illi l-irhama inqalghet sabiex isiru testijiet fuqha u dwar l-ittra mibghuta mis-socjeta' estera huwa xehed illi dik kienet l-ewwel darba illi kien qieghed jaraha.

Illi dwar l-umdita il-konvenut nomine xehed kif gej :
"Irrid nghid illi t-tarag ittebba fit-tieni sular fejn hu isolat u ma hemmx umdita" (fol 102 tal-process).

Ikkunsidrat :

Illi l-attur semma xi persuni ohrajn illi lihom forna u ghamel l-istess tip ta' xoghol illi ghamel lill-konvenut u esebixxa l-ftehim illi ghamel ma dawn il-persuni.

Illi huwa minnu illi l-attur ma ressaqx lil dawn il-persuni sabiex jixhdu fil-Qorti, izda il-konvenut kellu kull opportunita sabiex itella lil dawn il-persuni jixhdu hu stess. Madanakollu deherlu li ma kellux ghalfejn jaghmel hekk ghaliex effettivament ma harrikhomx, kif kellu kull dritt illi jaghmel.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut nomineipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fis-17 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha, inter alia, issottometta illi r-rapport tal-perit legali huwa sbrigativ u nieqes f'diversi aspetti tant li per ezempju f'punt 18 tar-rapport filli qed tigi kwotata x-xiehda ta' Philip Tabone u filli taqbad tigi kwotata dik ta' Paul Gauci. Ghalhekk ukoll ma jimmeritax li din il-Qorti toqghod fuq il-konkluzzjonijiet milhuqa.

Illi a fol. 98 tal-process punt 18 tar-rapport jittratta dwar ix-xiehda ta' Philip Tabone. Izda x-xiehda ta' Paul Gauci hija trattata mill-Perit Legali f'punt 19 a fol. 100 tal-process u mhux punt 18 kif qieghed jigi allegat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet.

Il-konvenut nomine jissottometti wkoll illi ir-rapport tal-perit Legali ma fihx konsiderazzjonijiet li jissostanzjaw bizzejjed il-punti legali u fattwali li suppost waslu ghall-konkluzzjonjiet fir-rapport. Skond l-istess konvenut nomine hija intempestiva l-azzjoni ghall-hlas ta' appalt meta x-xoghol fuq dak l-appalt ma ikunx gie ezegwit sewwa.

Illi effettivament dwar l-ahhar punt dan huwa minnu, izda l-ewwel nett irid jigi ippruvat illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, fatt illi kif diga intqal bl-ebda mod ma gie ippruvat mill-konvenut nomine.

Illi f'punt 7 ta' l-istess Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu il-konvenut nomine jghid illi mill-provi kollha prodotti huwa car li fil-verita t-tbajja li irrizultaw fil-madum kien bil-fors difett fil-prodott jew fix-xoghol. Illi anke minn din is-sottomissjoni biss jirrizulta car illi l-konvenut nomine lanqas hu stess ma jaf fuq x'hiex ser jaqbad iqabbad dufrejh. Matul il-gbir tal-provi huwa naqas milli b'xi mod jipprova almenu jissustanzja jew jipprova xi eccezzjoni jew xi allegazzjoni maghmula minnu fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u sussegwentement fil-kontro-talba tieghu u issa li wasalna fl-istadju tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tant jaf li ma irnexxielu jipprova xejn, anke ghaliex huwa stess irrinunzja ghall-hatra ta' Perit Tekniku, illi issa qieghed

jghid illi bil-fors li t-tbajja li irrizultaw fil-madum kien difett fil-prodott jew fix-xoghol.

Illi lanqas ma hu minnu kif gie sottomess mill-konvenut illi l-attur jipprova jitfa t-tort fuq l-umdita. L-attur semma il-fatt illi kien hemm l-umdita fil-hanut tas-socjeta' konvenuta u illi gibed l-attenzjoni tal-konvenut nomine ghal dan il-fatt qabel ma qieghed l-irham. Izda sussegwentement kien l-istess attur illi ipprova permezz tax-xhieda li ressaq u anke tad-dokument esebit minnu tas-socjeta' estera illi l-maduma minn taht ma kellha assolutament xejn, kif kien ikollha jekk kien hemm l-umdita, u t-tbajja kienu biss fuq il-wicc tal-irhama. Inoltre l-istess konvenut nomine xehed illi fejn hareg it-tbajja ma kienx fil-parti fejn kien hemm l-umdita, kif diga intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat.

Illi fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tieghu il-konvenut nomine jghid illi l-attur ma gab l-ebda prova konkreta tat-tezi tieghu u jipprova issostni parti mir-raguni tieghu billi jirreferi ghal dokument u spezzjoni li ghamlet id-ditta barranija u jghid illi ghandu rizervi serji dwar dan id-dokument.

Illi l-konvenut pero’ qieghed jinsa jghid illi huwa hu illi qiehed jallega illi l-materjal huwa difettuz u mhux l-attur. L-attur qieghed jitlob li jithallas il-bilanc dovut lilu u effettivament ipprova li ghandu jiehu is-somma imnizzla fic-citazzjoni minghand il-konvenut nomine. Kien il-konvenut illi talab li ma jhallasx il-bilanc minhabba li skond hu ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u / jew il-materjal huwa b’xi mod difettuz u allura sta ghalih li jipprova dan il-fatt u mhux ghall-attur. Il-konvenut f’din il-kawza donnu ippretenda li ma jaghmel xejn u l-attur mhux talli irid jipprova il-kawza tieghu izda irrid jipprova wkoll dik ta’ l-istess konvenut, tant illi l-konvenut irrinunzja ghall-hatra ta’ Perit Tekniku u talab lill-Perit Legali sabiex tfittex tghaddi ghar-relazzjoni taghha. Il-konvenut kellu kull opportunita jezamina l-ittra prodotta mis-socjeta’ estera u kellu kull fakulta illi jitlob li jaghmel il-kontro-ezami tal-persuna li iffirmat tali dokument, haga li l-konvenut nomine ma talabx illi jaghmel.

Illi certament mhuwiex gust illi fl-istadju tat-trattazzjoni il-konvenut iqajjem dawn il-punti meta messu qajjimhom waqt il-perizja, jew almenu waqt xi seduta quddiem il-Qorti.

Illi inoltre l-konvenut nomine qieghed jitlob lill-Qorti tillikwida d-danni li skond hu ikkagunalu l-attur. Illi l-istess konvenut xehed illi l-hanut qatt ma inghalaq u ghalhekk sal-gurnata tal-lum huwa ma sofra l-ebda danni u konsegwentement il-Qorti ma tistax tillikwida danni illi ma gewx ikkagunati.

Illi bir-rispett kollu l-ewwel kellu jigi ippruvat illi l-attur ma ezegwiex ix-xogholijiet skond is-sengha u l-arti u / jew illi l-materjal illi forna ma kienx tal-kwalita pattwita u konsegwentement biss jistghu jigu ippruvati u likwidati d-danni. Kif diga inghad il-konvenut assolutament lanqas biss beda biex jipprova illi l-materjal fornut kien b’xi mod difettuz, jew mhux tal-kwalita pattwita u / jew illi x-xoghol ezegwit mill-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti u konsegwentement isegwi illi huwa naqas ukoll li jipprova illi gew kagunati lilu xi danni.

Ikkunsidrat :

Illi taht dawn ic-cirkustanzi il-Qorti qeghda taghmel taghha ir-rapport tal-perit legali Dr Yana Micallef Stafrace u r-ragunamenti li fuqu jinsab ibbazat anke ghaliex dawn huma guridikament ben fondati.

Ghal dawn il-motivi, taqta u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u tirrispingi wkoll it-talbiet rikonvenzjonali ta’ l-istess konvenut nomine, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef sitt mija u tmienja u sittin lira Maltin (LM3,668) ammont dovut rapprezentanti bilanc tal-prezz miftiehem bejn il-kontendenti ghall-fornitura u tqeghid ta’ granit u irham mill-attur fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut nomine u takkolji l-eccezzjonjiet ta’ l-attur proprio et nomine ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut nomine, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Novembru 1991 u

bl-imghaxijiet kummercjali b’effett mid-data illi fiha gie kkonsenjat ix-xoghol sal-pagament effettiv kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------